**KUNSILL LOKALI LIJA**

TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA

TEL. 21416111 FAX 21416941

# MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

## IS-SITT KUNSILL

## SEDUTA NRU 42 [KONTINWAZZJONI] – Il-ĦAMIS 14 TA' ĠUNJU 2012

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija fil-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Dr Ian Castaldi Paris | Sindku |
| | Is-Sinjura Magda Magri Naudi (5:45pm) | Viċi Sindku |
| | Is-Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |
| | Dr Marc Sant | Kunsillier |
| | Is-Sur Massimo Scerri | Kunsillier |
| | Is-Sur Alfred Buhagiar | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

### 1. OFFERTI ĠBIR TA' SKART GOFF U ĠBIR TA' SKART DOMESTIKU

1.1 Il-Kunsilliera komplew jiddiskutu l-offerti tal-kuntratturi u eżaminaw id-dettalji ta' kull offerta.

1.2 Dawn id-dettalji nġabru f'tabella biex il-Kunsilliera kellhom il-possibilità li jqabblu l-offerti ma' xulxin.

1.3 Wara diskussjoni fit-tul mill-Kunsilliera dwar dawn l-offerti, fuq proposta tas-Sur Massimo Scerri, u sekondat mis-Sinjorina Lorraine Farrugia, il-Kunsill approva unanimament biex iż-żewġ offerti jingħataw lill-orħos kuntrattur.

1.4 Għal din ir-raġuni l-Kuntratt ta' ġbir ta' skart goff għandu jkun assenjat lis-Sur Jimmy Muscat bl-indirizz ta' no.2, Farmhouse, Cannon Road, Santa Venera. Filwaqt li l-offerta għall-ġbir ta' skart domestiku għandha tkun assenjata lis-Sur Ronald Bezzina bl-indirizz ta' no. 8 Triq id-Dulliegħ, Żejtun.

1.5 Din id-deċiżjoni tkun ikkonfermata wara li ssir spezzjoni tal-inġenji li ser jintużaw fil-kuntratti msemmija hawn fuq mill-Kunsilliera, is-Sinjorina Lorraine Farrugia, flimkien mas-Sur Massimo Scerri.

1.6 Din l-ispezzjoni għandha tinżamm nhar it-Tlieta 19 ta' Ġunju 2012 u nhar il-Ħamis 21 ta' Ġunju 2012 fl-4:00 pm quddiem l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill ta' Ħal Lija biex kemm-il darba l-Kunsilliera li ser jagħmlu l-ispezzjoni jikkonfermaw li l-inġenji huma dawk skond ir-regolamenti meħtieġa, il-Kuntratturi jibdew jagħtu s-servizz mill-1 ta' Lulju 2012.

1.7 Il-Kuntratt tal-ftehim ta' dawn l-offerti għandu jkun iffirmat fl-ewwel laqgħa tal-Kunsill li jmiss wara din id-data.

1.8 il-Viċi Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi, daħlet għal-laqgħa fis-5.45 p.m..

## 2. PPP – TOROQ

2.1 il-Kunsill iddiskuta ċ-ċertifikat ta' ħlas ma' ħruġ mill-Perit John Rizzo Naudi li huwa dovut mill-Kunsill lill-Kuntrattur, Polidano Brothers Ltd..

2.2 Dan iċ-ċertifikat kien jinkludi fih ammont ta' penali minħabba dewmien biex tlesta x-xogħol tat-tliet toroq skont il-ftehim.

2.3 Il-Kunsilliera unanimament qablu li dan iċ-ċertifikat ma kienx jirrifletti ż-żmien preċiż ta' dawmien żejjed biex tlesta x-xogħol mill-Kuntrattur.

2.4 Għal din ir-raġuni, il-Kunsill qed jinsisti biex il-*Contract Manager*, il-Perit John Rizzo Naudi, jirrevedi l-kont qabel dan jitħallas.

## 3. JUM ĦAL LIJA

3.1 Il-Kunsilliera unanimament qablu biex nhar il-Ġimgħa 6 ta' Lulju 2012 tinżamm l-attivita' – Jum Ħal Lija – fiċ-Ċentru Rekreattiv.

3.2 Fuq prposta tal-Viċi Sindku, is-Sinjura Magda Magri Nauid, il-Kunsill unanimament qabel biex din l-attivita' tkun animata minn Santa Marija *Accordian Band*, taħt id-direzzjoni tas-Sinjura Marthese Busuttil Cassar L.B.C.A, flimkien mall-gitarrista famuż Frederick Mallia akkumpanjat mis-Sinjura tiegħu u l-gitarrista Fredu Grech flimkien ma' żewġ għannejja : L-iżgħar wieħed f'Malta Ivordai Desira man-nannu tiegħu, is-Sur Joseph Muscat.

3.3 Programm dettaljat ta' din l-attivita' għandu jitqassam lir-residenti ta' Ħal Lija.

## 4. ĠIEĦ ĦAL LIJA

4.1 Fuq proposta tal-Viċi Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi, sekondat mis-Sur Massimo Scerri, il-Kunsill approva biex jingħata 'Ġieħ Ħal Lija' lis-Sur Twanny Farrugia li kien miet b'disgrazzja fil-Kamra tan-Nar San Mikiel, Ħal Lija u lis-Sur Salvu Sammut li huwa membru fil-każini kollha tal-lokal. Huwa għamel żmien president, assistent segretarju, assistent kaxxier u membru f'bosta kumitati tal-każin tal-futbal. Għamel żmien ukoll bħala player.

4.2 Fuq proposta ta' Dr Marc Sant, sekondata mis-Sinjorina Lorraine Farrugia, il-Kunsill unanimament approva biex jingħata 'Ġieħ Ħal Lija' lil mibki s-Sur John Portughes li kien attiv f'diversi għaqdiet tar-raħal.

## 5. URBAN IMPROVEMENT FUNDS (UIF)

5.1 Fuq proposta tas-Sindku, Dr Ian Catasli Paris, sekondat mis-Sur Massimo Scerri, il-Kunsill unanimament approva biex il-*Contract Manager,* il-Perit is-Sur John Rizzo Naudi, iħejji l-pjanti neċessarji u l-applikazzjoni biex jintalbu fondi biex isir upgrading taċ-Ċentru Rekreattiv, billi jinbidlu l-bankijiet u l-lampi ornamentali bħala parti minn programm ta' tisbiħ f'dan il-post.

## 6. ELECTRICAL POWER POINT

6.1 il-Kunsill approva biex tkun installata *power point* ġo Triq Giovanni Barbara, minn fejn il-karozzi li jaħdmu bis-sistema ta' magni ta' elettriku, ikollhom faċilita jicchargjaw il-batterija minn dan il-post.

6.2 Aktar dettalji dwar din is-sistema jinghataw aktar 'il quddiem.

## 7. RIKLAMI FID-DAĦLA TA' ĦAL LIJA

7.1 Il-Kunsill ma approvax talba mill-kumpanija tar-riklmar biex tpoġġi riklami mal-bankina fid-daħla tat-Triq Trasfigurazzjoni.

## 8. FULJETT 'VILLA LIJA'

8.1 Fuq proposta tal-Viċi Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi, il-Kunsill unanimament approva biex jitħallsu €100 parti mill-ispejjez ta' stampar tal-fuljett 'Villa Lija' kull darba għal tlett edizzjonijiet li ġejjin.

8.2 Dan il-fuljett ser ikun stampat bill-kollaborazzjoni tal-Kunsill bl-iskop li jwassal ukoll tagħrif u informazzjoni dwar l-attivitajiet tal-Kunsill.

## 9. AĠĠORNAMENT

9.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 16 ta' Lulju 2012 fil-5:30p.m..

Il-laqgħa ntemmet fis-7 :00 p.m..

| | |
|---|---|
| Dr Ian Castaldi Paris | Alfred Buhagiar |
| Is-Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |